**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Avviz numru 181/2016 CFF**

**Romeo Schembri**
**Vs**
**Anthony Cassar u b'digriet datat 14 ta' Frar 2023 l-atti ġew trasfużi f'isem Cecilia Cassar**

**Illum 15 ta' Marzu 2023**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors Promutur** ta' Romeo Schembri fejn esponiet:

Illi Anthony Cassar gie msejjah sabiex ihallas is-somma ta' ħamest' elef u tnejn u disgħin Ewro (EUR 5092) rappreżentanti l-bilanċ li Anthony Cassar fadallu jħallas mis-somma globali ta' Eur 5592 li hu ftiehem li għandu iħallas lir-rikkorent fir-rigward tal-bejgħ tal-fond ossia Mark Garage, Hesri Road, Siggiewi

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru li qiegħed ġie ppreżentat kontestwalment u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effetiv, kollox kontra l-intimat li huwa minn issa gie ngunt għas-subizzjoni.

Il-Qorti tinnota li dahlet risposta tal-konvenut Anthony Cassar datata 2 ta' Settembru 2016 li tinsab a fol 7 tal-process, fejn espona:

1. Illi t-talbiet tar-rikkorent huma kompetament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu stante illi r-rispondent m'għandu jagħti assolutament ebda flus lir-rikkorent fir-rigward tal-bejgħ tal-fond ossia 'Mark Garage' Hesri Road, Siġġiewi illi kien ġie mibjugħ mir-rikkorent Romeo Schembri lil ċertu Antonio Borg permezz ta' kuntratt pubblikat fl-10 t'Ottubru, 1973 in atti Nutar Nicola Said.

2. Salv eċċezjonijiet ulterjuri permissibbli skond il-liġi.

Semgħat ix-xhieda ta' Joanna Bartolo, Anthony Cassar, Romeo Schembri, Dr. Noel Cutajar u Cecilja Cassar

Rat l-attii tal-kawża u d-dokumenti esebiti u cioe': kopja ta' transazzjoni immarkat Dok BOV1, kopja ta' ċekk immarkat Dok BOV2 , kopja ta' transazzjoni immarkat Dok BOV3, Affidavid tar-rikkorent immarkat Dok A, Nota ta' Romeo Schembri li biha ppreżenta kopja tal-Ittra Uffiċjali immarkata bħala Dok A u kopja tal-ittra legali datata 24 ta' Mejju 2016 immarkata bħala Dok B, Affidavid tal-konvenut immarkat Dok AC1, Affidavid ta' Ċeċilja Cassar immarkat bħala Dok TB1, ċertifikat mediku ta' Joe Mary Bonello a fol 113 tal-proċess, Traskrizzjoni ta' Kontro-Eżami ta' Josephine Borg ppreżentat minn Dr. Noel Cutajar mmarkat bħala Dok NC1

**Ikkunsidrat:**

**Joanna Bartolo** xehdet bhala rapprezentanta tal-BOV Legal Office fejn qalet li kien hemm depozitu ta' mitejn fil-21 ta' mejju 2015 li kien maghmul b'cekk minn certu Cecilia Cassar pagabbli lil Romeo Schembri. Illi dawn il-flus gew depozitati fil-kont ta' Romeo Schembri. Kif ukoll kien hemm ammont iehor f'April 2015 bhala flus kontanti ta' 150 fl-istess kont ta' Romeo Schembri. Kopji tad-deposits gew esebieti bhal Dok BOV1 u BOV2. Irrizulta li kien hemm deposit iehor fil-11 ta' Gunju 2015 izda ma setghetx taghti informazzjoni min min sar izda kien sar fl-ammont ta' 150.

**Anthony Cassar** xehed fejn qal li l-garage kien inbiegh fis-sena 1973 fejn qal li meta gie iffirmat dan il-kuntratt huwa ma kienx prezenti ghalih u kopja tieghu kien inghata lilu wara hafna zmien. Illi kien hemm biss rapprezentant tal-Bank, zewg xhieda kif ukoll Romeo Schembri. Illi huwa kien ta lil Romeo Schembri s-somma ta' elf u erba' mija ghad-dawl u l-ilma izda parti mix-xhieda tieghu semma li rigward dan il-bejgh ma kien halsu xejn. Romeo Schembri kien gab ittra fejn kiteb li kienu mifthemin u gieghlu jiffirma. Ghalkemm kien qallu li jekk jerga' jgieb il-karta ma kienx sejjer jiffirma

darb'ohra. Ftit zmien qabel beda jcempillu Romeo Schembri u kien tah xi flus ta' mitejn biex jghinu u beda jghidlu li kellu jaghtih il-bqija sal-ahhar tas-sena. Illi dawn l-elf u erba' mija thallsu f'perjodu ta' aktar minn ghoxrin sena. Illi Romeo Schembri beda jghidlu li l-flus tal-bejgh kien hadhom hu. Illi kompla jghid li ma kienx iffirma karti izda kien avzah li jekk jerga' jigi biex jiffirmalu ma jaghtihx aktar flus u dawn wara diversi telefonati li kien jaghmillu. Illi meta tah il-mitejn kien ghamillu cekk u anki kien tah xi haga zghira u meta talbu li ghandu jhallas sal-ahhar kien avzah li ma kien se jaghtih xejn. L-ahhar li kien tah flus kien is-sena ta' qabel ma kien ta x-xhieda tieghu. Dan i-garage kien inxtara minn persuna mis-Siggiewi. Meta mistoqsi dwar il-kumplament tal-ammont li semma li ma kienx se jhallsu kien fl-ammont ta' hamest elef Euro. Illi kompla jghid li hu qatt ma kien iffirma xi karti ghaliex kien l-istess Romeo Schembri li kien gab karta iffirmata fejn kien qallu li jekk jerga' jghaddi ma kienx se jaghtih u kien dak il-hin li tah il-flus.

**Joanna Bartolo** regghet xehedet fejn gabet informazzjoni fuq depozitu ta' 150 Euro li kien sar fil-11 ta' Gunju 2015. Dan id-depozitu sar minn Anthony Cassar (ara dok BOV3).

**Anthony Cassar** rega xehed fejn qal li huwa kien hallas ghad-dawl u l-ilma lil Roemo Schembri. Illi il-hlas li kien ghamel lil Romeo Schembri kienu sabiex jghinu ghax kien jigi ghandu u jghidlu li ma kellux flus biex jghix u anki kellu bzonn sabiex ikun jista' jsiefer. Semma wkoll li kien hemm Romeo Schembri gewwa l-Libja ghax kien inqala xi haga u kienu ltaqghu bejn l-ahwa halli jaraw x'se jaghmlu izda l-hlasijiet li kienu saru ma kellhom x'jaqsmu xejn maghha. Meta mistoqsi dwar il-hlasijiet tad-dawl u l-ilma Romeo Schembri qatt ma kien jurih i-kontijiet u kien tah somma ta' 450 Liri Maltin.

**Romeo Schembri** xehed permezz ta' affidavit fejn qal li Anthony Cassar kellu jaghtih is-somma ta' 5092 Euro u dan wara li nehha mill-ammont kollu s-somma ta' 500 Euro. Illi din is-somma li qieghed jitlob hija l-prezz tal-valur tal-garage li huwa kien biegh fis-sena 1973 u dan skont il-kuntratt li gie esebieti u mmarkat bhala dok A (a fol 33). Huwa qal li dak iz-zmien kien ghaddej perijodu hazin ta' hajtu u familjari kienu approfittaw ruhhom minnhu. Il-kwistjoni tal-hlas tas-somma 5592 Euro hija rizultat ta' dan. Skont hu Anthony Cassar kien qallu li nbiegh il-garage u riedu jattendi l-Bank halli jigi ffirmat i-kuntratt. Skont hu, Anthony Cassar kien prezenti u l-garage kien inbiegh ghas-somma ta' 2,500 Liri Maltin. Il-manager ta' dak iz-zmien certu Brincat kien qallu biex jigborhom dawk il-flus u skont hu kien hadhom Anthony Cassar u mhux hu. Skont hu Anthony Cassar qatt ma kien cahad li ha dawn i-flus u kien issa li qieghed jghid din l-istorja. Skont l-istess Roemo Schembri kienu lahqu ftehim sabiex jibda jhallas l-ammont dovut. Illi meta ra li kien qieghed isib diffikulta li jithallas kien cempel lis-sid tal-garage

u kellem lil mara tieghu u din qaltlu li kienu halsu somma ohra lil Ninu Cassar. Meta kien semma din l-istorja kienu ltaqghu gewwa tas-Sliema u Anthony Cassar kien staqsieh jekk kienx kuntent b'dak li hemm fil-kuntratt u kien lest li jhallas izda l-hlas qatt ma sehh. Illi fil-bidu kien ghamel zball ghax is-somma li kien semma lilhu kienet ta' 2400 Liri Maltin u ghalhekk is-somma giet 5592 u minhabba li kien hallas is-somma ta' 500 Euro ghandu jaghti 5092. Illi huwa ma kellux bzonn jitlob hlas minn ghand had stante li kellu overdraft sabiex jaghmel tajjeb jekk ikun irid. Huwa cahad li kien thallas b'cekk minn ghand Anthony Cassar fuq l-ammont dovut ta' mitejn Euro. Rigward l-1400 li kien semma Anthony Cassar kienu hlas dwar li kellu jaghith meta ghamel xi xoghol gewwa l-Libja.

**Romeo Schembri** rega' xehed in kontro-ezami fejn qal li huwa kien qieghed is-somma mitluba wara li kien iffirma l-kuntratt fis-sena 1973. Huwa dak iz-zmien kien ma jiflahx u war li beda jigi f'teighu mar ghand min kien xtara l-garage biex igieb kopja tal-kuntratt. Huwa wkoll kien kellem lil mara ta' dan Toni Borg fejn qaltlu li kien halsu somma ohra tal-garage u lilhu ma kienux jafuh. Zied jghid li l-ftehim li kellu ma' Anthony Cassar kien wiehed verbali. Meta kien iltaqa' mieghu kien qallu li keinx jaccetta l-ammont li kien hemm fil-kuntratt. Semma li kien ghamel karta ghax kien wieghdu li se jhallas mill-pensjoni u dan kien fis-sena 1973 jew 1974. Kien qallu li mhux se jiffirma karti izda kien talbu n-numru tal-kont. Illi l-ammont li qieghed jitlob huwa l-hlas tal-garage li kien sar i-bejgh tieghu li kien hadlu minn fuq il-mejda tal-bank meta l-manager kien qallu biex jiehu kollox. Meta mistoqsi jekk keinx ghamel xi haga semma li dak iz-zmien kellu problem tas-sahha u r-raguni li kien resaq ghal kuntratt kien minhabba li kein sab i-bejgh tal-garage. Kompla jghid li fil-fatt Anthony Cassar kien hallas izda l-flus hargu minn ghand ohtu. Ghalkemm kien mar ghand in-Nutar huwa kien iffirma l-kuntratt gewwa l-Bank fejn qalulu li kellu jiffirma waiver ghax kellu overdraft facility ta' ghaoxrin elf Lira Maltin. Illi skont hu il-kuntratt kien gie iffirmat minghajr ma hu kien prezenti. Huwa ikkonferma li fil-fatt ma kienx ghamillu karta ta' ftehim ghal hlas u hadd ma kien hemm xhieda ta' dan id-diskors. Il-ftehim originali kien fis-sena 1973 izda Anthony Cassar kien qallu jekk jaccettax dak li hemm fil-kuntratt u kien wiegbu li hekk kien. Illi huwa zied jghid li dak il-kuntratt kellu jaccettah ghax kien hemm il-firma tieghu fuqhu. Illi f'dan i-kaz kompla jghid li qatt ma kien baghat xi ittra ufficjali matul dawn l-erbghin sena hlief ftit qabel ma fetah din il-kawza. Illi huwa kkonferma li l-ewwel pagament sehh fis-sena 2015 wara li skont hu kien issugerixxa l-istess Anthony Cassar. Hu ma accettax li dawk i-flus inghataw lilhu ghax kien fil-bzonn ghax skont hu kellu overdraft ta' 24,000 Liri Maltin u hafna kuntratti mal-Gvern illi pero qabel id-data tas-sena 2015. Illi kompla jghid li Anthony Cassar kien ċempillu biex jghidlu li kien sab lil xi hadd li lest jaghmel tajjeb wara li kien fetah il-

kawza kontrih. Huwa ikkonferma li Anthony cassar ma deherx fil-kuntratt izda kien ċempillu biex jigi ghand in-Nutar. Meta mistoqsi jekk fil-fatt dawn il-flus marrux ghand il-Bank dirett skont kif hemm miktub fil-kuntratt fejn kompla jghid li l-flus tpoggew fuq i-mejda tal-Bank. Illi skont hu kien il-manager li qallu biex jigbor il-flus. Illi kompla jgid li ma kienx minnu li l-flus marru dirett ghand il-Bank izda kien hadhom Anthony Cassar. Dawn il-flus ma kienux uzati sabiex jithallas xi dejn tal-Bank.

Meta kompla jixhed in kontro-ezami qal li kein fis-sena 2009 li kien sejjer jaghmel rapport kontra l-istess Anthony Cassar ghand tal-Frodi. Illi fis-sena 1973 qatt ma mar ghand il-Pulizija u lanqas qatt ma fetah kawza biex ihassar il-kuntratt li kien sar. Meta mistoqsi meta mar fis-sena 2015 sabiex jiltaqa' ma' Anthony Cassar qatt ma kien ghamel karta u lanqas ma kien hemm xhieda. Meta mistoqsi dwar il-kwistjoni tal-Libja huwa qal li ma kienx minnhu li l-familjari tieghu ma kienux jafu x'sar minnhu u mhux ghalhekk kienu telghu hemm.

**Antonio Cassar** xehed permezz ta' affidavit fejn qal li l-mara tieghu Cecilia tigi oht Romeo Schembri. Huwa qal li qatt ma kien ha xi flus minn ghand Roemo Schembri u ma jistax jifhem ghala kien qieghed jaghmel hekk. Fuq il-kwistjoni tal-Libja, il-familja ta' Schembri kienu gew infurmati li Romeo Schembri ma kienx qieghed sew u ghalhekk kien hu li tela jara x'kien gralu. Fuq il-kwistjoni tal-kuntratt ta' bejgh li kien sar huwa zied li ma kienx minnhu li ha xi flus minn fuq il-mejda kif qieghed jallega. Illi gara li f'salt wiehed Roemo Schembri beda jibghatli ittri u telefonati bil-lej u jgidli fuq dawn i-flus fuq kuntratt li kien sehh hafna snin qabel. Ma kenitx l-ewwel darba li kien jaghtih xi flus minhabba li kellu problem finanzjarji fejn sahansitra l-Gvern kien se jaqta d-dawl minhabba li ma kienx qieghed ihallas. Meta kien ċempillu diversi drabi, kien accetta li jiltaqa' ma' Romeo Schembri izda dan kien ghamlu biex jipprova jitlekkem mieghu. Kull darba li kienu jiltaqghu kienu jispicca jghidlu fuq il-flus li kellu jaghtih. Kien qallu car li hu m'ghandhux x'jaghtih u lanqas kien se jiffirma xi karti. Anki fis-sena 2010 kien holom li kellu jaghtih xi flus ghal xi xoghol li ma kienx minnu.

**Cecilia Cassar** qalet li hija tigi oht Romeo Schembri fejn ziedet li r-ragel taghha qatt ma kellu negozju mieghu. Illi hija thoss li din il-kawza infethet ghal xejn ghax huma dejjem ghenu lil Romeo Schembri fejn anki r-ragel taghha kien tela l-Libja minhabba li ma kienux jafu xi gralu. Ghalkemm huma ghamlu hafna mieghu u mal-familja tieghu u m'ghandhomx x'jaghtu lil Romeo Schembri xi flus. Anzi hija kienet tat is-somma ta' 400 Euro biex ihallas il-kontijiet.

**John Mary Bonello** qal li huwa jigi r-ragel ta' oht Ninu Borg li kien xtara l-garage minn ghand Romeo Schembri. Ninu kien talbu sabiex jirranga l-garage li kien xtara minhabba li kien hemm xi hsarat fih. Ninu Borg qatt ma semma li kien hemm Anthony Cassar prezenti meta gie iffirmat il-kuntratt u lanqas biss kellu x'jaqsam mal-bejgh tal-garage.

**Josephine Borg** qalet li hi flimkien mar-ragel taghha kienu xtraw il-garage in kwistjoni minn ghand Romeo Schembri. Hi zidet tghid li ma kenitx dehret fil-kuntratt dak iz-zmien ghax kienu jidhru l-irgiel biss. Meta kien inxtara l-garage huma ma kienux jafu lil Anthony Cassar. Dan l-ahhar kien cempilla Romeo Schembri kien qalilna li kien biegh il-garage bi prezz baxx u ridna li nhallsu l-prezz tal-garage kemm jiswa llum. Ahna konna hallasnieh skont kemm kien jiswa dak iz-zmien u dak li kien hemm fil-kuntratt. Wara ftit il-mara ta' Romeo Schembri baghtet ittra bl-avukat fejn f'din l-ittra bdiet tippretendi li nbieghu l-garage u naqsmu. Kompliet tghid li ghalkemm hargu hafna flus dak iz-zmien kellhom johorgu aktar spejjez minhabba l-fatt li kellu bzonn tidwiera tajba. Kien issa li saret taf li Romeo Schembri kien qieghed jippretendi l-flus minn ghand Athony Cassar.

In kontro-ezami qalet li kienet taf bil-kwistjoni minhabba li kienet irceviet ittra sabiex tidher il-Qorti fuq il-kaz. Illi meta mistoqsija rigward jekk Ninu Cassar kienx qieghed ihallas lil Romeo Schembri qalet li ma kenitx taf biha. Il-flus kien hallashom il-Bank.

## Ikkunsidrat

Il-kaz beda meta l-attur Romeo Schembri kien biegh garage lil certu Anthony Borg fis-snin sebghin. Illi skont il-kuntratt li l-istess attur kien esebixxa, fejn kien hemm il-kundizzjonijiet ta' tali bejgh. Illi gara skont ma' qal l-istess attur, li Anthony Cassar u cioe' l-konvenut kien hadlu l-flus minn fuq il-mejda u qatt ma kien tahom lura lilu. Illi pero minn dak iz-zmien sas-sena 2015 qatt ma kien ghamel xejn gewwa l-Qorti. Illi kompla jghid li dak iz-zmien kien ghaddej hazin u ghalhekk hassu li hadu vantagg fuqhu. Kien wara li meta nduna x'gara li beda jigri wara flusu. Illi kompla jghid li kien ghamel ftehim verbali mal-istess konvenut fis-sena 2015 sabiex jibda jhallsu l-ammont lura. Illi skont hu kien halsu madwar hames mitt Euro mill-ammont dovut ta' dan il-garage. Minn naha l-ohra l-istess Anthony Cassar jichad li huwa kien hadlu xi flus ghaliex lanqas biss kien prezenti meta sar il-kuntratt u lanqas kellu x'jaqsam fil-bejgh tieghu. In oltre huwa kien tah xi flus sabiex jghinu minhabba li kellu bzonn il-flus tant li tah cekk iffirmat mill-mara tieghu ta' mitejn Euro u xi flus cash izda mhux ghal dan l-arrangament. Illi huwa nnega li kien ftiehem mieghu sabiex itih il-prezz tal-garage ghaliex huwa qatt ma hadlu flus. Inoltre huwa dejjem ghenu fil-flus fejn sahansitra kien tah xi flus

sabiex ihallas il-kontijiet tad-dawl. Illi minn naha l-ohra l-istess Romeo Schembri innega dan kollu ghax skont hu ma kellux bzonn xejn ghax kellu overdraft tajjeb u kellu hafna kuntratti mal-Gvern pero dan qabel hafna mis-sena 2015.

## Ikkunsidrat

Illi f'dan il-kaz l-avukat tal-konvenut Anthony Cassar fil-verbal tat-13 ta' Lulju 2021 qajjem il-kwistjoni tal-preskrizzjoni f'dawn il-proceduri u dan skont ma hemm fl-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi fuq din il-kwistjoni din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li jghid l-istess artikolu 2156, il-Qorti taghmel referenza ghal dak li hemm fis-sub-artikolu 2156 (f) fejn jghid:

> **2156***(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*

Huwa wkoll fatt li meta l-Qorti tiddetermina li l-preskrizzjoni partikolari eccepita ma tkunx applikabbli ghal kaz in ezami, mhux il-kompitu taghha li toqghod tindaga u tara hija stess liema hija l-preskrizzjoni li taqa' fiha din l-azzjoni. Il-Qorti hija marbuta taht dak li jghid l-artikolu 2111 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn Il-qorti ma tistax *ex officio* tagħti effett għall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata. Illi pero fi kwalunkwe kaz il-preskrizzjoni msemmija taht l-artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik ta' hames snin. Sejra ssir referenza ghal kawza fl-ismijiet **Fenech Plant Hire Limited vs P. Montebello**, deciza fit-13 ta' Marzu 2009 intqal hekk mill-Qorti tal-Appell:-

> "*Hu ben saldat fid-dottrina legali u fil-gurisprudenza illi meta tigi opposta l-preskrizzjoni l-konvenut ma ghandu ghalfejn jipprova xejn izjed hlief id-dekorriment taz-zmien. Jaggrava fuq l-attur illi jiddemostra illi dik il-preskrizzjoni ma kienetx ammissibbli ghall-fattispeci tal-kawza, jew, alternattivament, jekk applikabbli, li dik l-istess preskrizzjoni giet sospiza jew interrotta. Jinzel minn dan illi l-perkors li suppost kellha ssegwi l-ewwel Qorti kellu jkun dan:-*
>
> *(1) Ir-ricerka u l-verifika jekk il-preskrizzjonijiet eccepiti, jew xi wahda minnhom, kienux jew le opponibbli ghat-talba;*
>
> *(2) F'kaz ta' applikabilita` ta' xi wahda minnhom, jekk il-perijodu preskrittiv giex interrott ghal motiv dedott mis-socjeta` attrici;*

> *(3) Stabbilita din l-interruzzjoni, id-determinazzjoni tal-mument storiku li fih avverat."*

Madanakollu, il-Qorti trid tara jekk hiex tal-fehma illi f'dan il-kaz jghoddu d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 2156(f) fejn jikkontempla l-preskrizzjoni ta' hames snin. Illi ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk fil-fatt dak li huwa mitlub mill-attur Romeo Schembri huwiex kreditu li huwa msemmi f'dak li hemm fl-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi b'referenza ghal dak li hemm fl-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fil-kawza fl-ismijiet **Giovanni Saliba et vs Angelo Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Frar 1949, li fejn fl-artikolu 2156(f) jinghad "ghall-hlas ta' kull kreditu iehor……" dik il-kelma "iehor" turi bic-car illi l-legislatur qieghed jikkommetti din id-dispozizzjoni mas-sezzjonijiet precedenti, fejn huma ndikati krediti specifici.

Huwa ghalhekk principju stabbilit fil-gurisprudenza li l-preskrizzjoni taht l-artikolu 2156(f) hija soggetta ghal interpretazzjoni ***eiusdem generis***. Ghaldaqstant, il-kelma "kreditu" minhabba fir-restrizzjoni tar-regola ta' interpretazzjoni ta' ***eiusdem generis***, tigbor fiha biss jeddijiet li huma ta' l-istess natura bhal jeddijiet l-ohra msemmija fl-artikolu 2156. F'dan il-kuntest, ta' min ighid li l-ebda wiehed mill-krediti msemmija fl-artikolu 2156 ma huwa kreditu ta' obbligazione di fare, imma huma kollha obbligazzjonijiet ghall-hlas ta' flus. Dan igib mieghu l-effett li l-obligazzjoni li kontra taghha titressaq eccezzjoni bhal din trid tkun wahda ghall-hlas ta' flus bhal ma' hu f'dan il-kaz partikolari fejn qieghed jintalab il-hlas ta' flus dovuti lura.

Fil-fatt, fil-kawza **Giovanni Mifsud vs Giuseppe Pullicino** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fid-19 ta' Ottubru 1954, inghad li:

> *"….jidher illi l-krediti msemmija fid-dispozizzjoni tal-ligi 'l fuq indikata jirrigwardaw bhala regola dawk li jkollhom bhala oggett flus; jigifieri dawk tal-prestazzjonijiet accessorji, jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, u dawk tal-prestazzjonijiet principali jirrigwardaw oggett li jkun jew flus jew haga fungibbli bhal ma huma l-flus."*
>
> *"Kull kreditu iehor, hemm imsemmi ma ghandux jiftiehem illi jista' jkun kwalunkwe kreditu jkun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess dispozizzjoni u li jkollu l-istess natura bhal flus…."*

Dan ifisser li din il-preskrizzjoni tapplika ghal zewg ordni ta' krediti: jigifieri l-prestazzjonijiet accessorji jkunu liema jkunu, u whud mill-prestazzjonijiet

ewlenin jew principali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew haga fungibbli bhalma huma l-flus. (Ara wkoll **Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.** PA 12-Ott-2004).

Il-Qorti tara li l-Artikolu 2156(f) japplika fir-rigward ta' hlas lura tal-flus jaqa' taht dan is-sub-artikolu u cioe' taht it-2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi l-elementi kollha mehtiega biex titqies eccezzjoni bhal din jikkonkorru. Il-kreditu huwa wiehed li johrog minn talba għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn ħwejjeġ oħra.

Fil-kaz in ezami, il-hlas li qed jintalab huwa hlas ta' flus u ta' natura fungibbli. U ghaldaqstant, jaqa' taht il-preskrizzjoni citata hawn fuqu cioe' dik ta' hames snin. Illi skont l-attur dawn il-flus kien hadhom il-konvenut fis-sena 1973 meta kien gie iffirmat kuntratt ma' terza persuna u l-istess konvenut ma kellu x'jaqsam xejn f'din il-bicca xoghol. Illi pero huwa zgur li sakemm infethu dawn il-proceduri qatt ma saru xi atti gudizzjarji fil-konfront tal-konvenut sabiex tigi mwaqqfa l-preskrizzjoni. Illi pero il-preskrizzjoni tista' wkoll tigi mwaqqfa anki f'kaz ta' xi azzjoni fejn jintwera li l-imħarrek għaraf id-dejn, irrinunzja għall-preskrizzjoni jew wettaq xi ħlas li bih kiser iż-żmien preskrittiv. Illi ghalhekk sabiex tigi mistharga din il-kwistjoni din il-Qorti trid tidhol fil-mertu mhux biss tal-preskrizzjoni izda dak kollu li twettaq qabel ma nfethet il-kawza. Illi ghal dan il-ghan, il-Qorti taghmel referenza ghal kawza mill-Qorti tal-Appell 'Calleja vs Abela deciza fis-26 ta' marzu 1920 fejn qalet hekk:

> *"La prescrizione e' interrotta quando il debitore riconosca il diritto di colui contro il quale era cominciata e se la prescrizione era compiuta, la ricognizione del debito fatto dal debitore assume il carattere di una rinunzia a tale prescrizione"*

Illi kif inghad hawn fuq, l-attur qieghed jippretendi hlas lura ta' flus li skont hu kien hadhom il-konvenut fis-sena 1973. Illi ghalhekk minn dak in nhar li suppost il-konvenut kien ha l-flus ghaddew ferm aktar minn hames snin. Illi ghalhekk bla dubju ta' xejn kien jigi dikjarat mill-ewwel bhala l-azzjoni hija estinta. Illi pero f'dawn il-mori l-attur qal li huwa kien thallas is-somma ta' hames mitt Euro mill-ammont li kien dovut skont hu. Illi jekk kieku kien il-kaz, allura din il-Qorti kien ikollha stampa totalment differenti sabiex tiddeciedi fuq il-preskrizzjoni tal-kaz. Illi pero sabiex tasal ghal dan il-fatt trid tifli l-provi li ghandha quddiemha. Illi minn dak li qal l-istess Romeo Schembri ma ghandu ebda document sabiex jistabilixxi li l-konvenut kien iffirma xi document fejn jidher li l-ammont kein dovut. Illi filfatt mix-xhieda tieghu hareg li lanqas biss kien hemm skrittura u hadd ma kien hemm xhieda sabiex jisma suppost dak li qal Anthony Cassar li l-ammont dovut kien sejjer ihalsu lura. Illi dan qieghed jinghad ghal fatt li Romeo Schembri kien thallas is-

somma ta' hames mitt Euro mill-mara ta' Anthony Cassar u nghata xi flus kontanti mill-istess konvenuti. Illi pero lanqas jista' jinghad li dawn il-pagamenti huma prova li thallas xi flus u ghalhekk qieghed jigi rikonoxxut li tali dejn huwa dovut lill-attur. Illi ghalhekk ladarba ma hemmx prova ohra jew inkella xi xhud iehor li jindika b'mod car li dawk il-pagamenti kienu parti mis-somma dovuta, l-Qorti trid tistrieh fuq dak li qal l-istess konvenuti.

Illi mix-xhieda tal-istess Anthony Cassar hargu dawn il-fatti a fol 21 fejn qal li *"…rigward dan il-bejgh ma hallastu xejn ghax jien gab karta li ahna mifthehmin hekk u gieghlni niffirmah. Jien dejjem ghentu fejn stajt u jien ghidtlu 'jekk terga tghidli biex niffirmalek fuq il-karta, jiena ma naghtikx aktar flus. Jien nghinek qieghed."* Illi fil-fatt a fol 22 l-istess rega' repeta li ma kienx sejjer jiffirma ebda karta minhabba li kien qieghed jakkuzah li kien hadlu l-flus tal-bejgh tal-garage. Kien fil-fatt f'dan iz-zmien li kien hariglu cekk kif ukoll tah xi flus kontanti. Illi pero a fol 24 qal li qatt ma kien iffirmalu karti. Illi ghandu jinghad li lanqas l-istess attur ma kien gab din il-karta li kien suppost kellu jiffirma Anthony Cassar bhala prova ta' dan l-arrangament u ghalxiex kienet li suppost kellu jiffirma. Illi minn dak li qal l-istess Anthony Cassar kien hemm ukoll mumenti fejn ma kienx car f'diskorsu. Illi jidher a fol 21 ghamel referenza li kien tah xi flus sabiex jghin u ma kienx car jekk dawn il-flus mghoddija kienux parti mis-somma hekk mitluba mill-istess Attur. Illi l-konvenut kien qieghed jghin lill-attur fejn ghaddielu dawn il-flus u mhux ghax ried ihallas parti minn xi dejn tant li ma saret ebda kjarifika li huwa kien ghamel dan ghal skop ta' parti mill-hlas ta' dawn il-flus. Huwa nnega a fol 22 li kien ha xi flus lir-Romeo Schembri ghax lanqas biss kien prezenti meta gie iffirmat dan il-kuntratt. Illi meta gie mistoqsi rigward dan il-kumplament tal-flus, semma li kien hemm hamest elef u suppost li kien hemm karta izda wkoll kien car li ma kienx se jaghtih xejn.

Illi jinghad minn naha l-ohra Romeo Schembri baqa' jigri wara l-istess Anthony Cassar fejn anki ammetta li kien icempillu jdejqu b'diversi telefonati li kien jaghmillu. Illi kompla jsostni li Anthony Cassar kien prezenti u hadlu l-flus. Illi skont hu l-istess Anthony Cassar kien qallu jekk kienx kuntent b'dak li kien hemm fil-kuntratt u kien lest li jaghtih dawn il-flus li kien ghad baqa'. Huwa zied li hu qatt ma kellu bzonn li jitlob il-flus ghal hlas tad-dawl u l-ilma skont kif qal Anthony Cassar. Illi kompla jghid li Ninu Cassar qatt ma halsu b'cekk izda dejjem hallas bil-Bank.

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti minn dak li qrat mix-xhieda tal-istess Anthony Cassar u Romeo Schembri ma tistax tasal ghal konkluzzjoni li kien hemm xi hlas akkont tad-dejn kif inhu mitlub f'dawn il-proceduri. Illi in oltre huwa car fil-fatt li huwa

minnhu li l-istess il-mara ta' Anthony Cassar harget cheque ta' mitejn Euro u kien hemm ammonti ohra ta' tlett mitt Euro bhala pagamenti li sehhew. Illi pero l-prova cara li fil-fatt dawn il-flus kienu ghall-ammont dovut ma jistax jinghad li kien hemm. Illi huwa minnhu u mhux kontestat li pagamenti saru izda sabiex jghinu lil Romeo Schembri. Illi ma jistax jinghad li kien hemm dawk il-fatti li jwasslu fil-grad tal-probbabli li l-ammont li thallas kien ghalhekk waqqaf il-preskrizzjoni billi kien hemm rikonoxximent tieghu.

Illi l-Qorti rat ukoll l-istess kuntratt li Romeo Schembri esebixxa, li huwa car li dan gie maghmul fil-prezenza tieghu ghaliex kien hemm mumenti fejn qal li lanqas kien prezenti u f'mument iehor jghid li kien prezenti. Illi huwa car li fl-istess kuntratt hemm il-firma tal-istess Romeo Schembri xi haga li ma gietx ikkontestata, tant li anki fl-istess kuntratt hemm imnizzel li kien hemm surroga minnhu stess sabiex il-flus jghaddu lil Bank li kien hemm rapprezentant tal-Bank. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem kif fl-istess kuntratt ma kienx jidher li kien hemm Anthony Cassar u wara hadlu dawn il-flus minn quddiem ghajnejh meta hemm talba differenti kif kellhom jghaddu dawn il-flus. Illi ghalhekk il-Qorti ma tarx li ghandha tidhol aktar fil-mertu tal-kaz meta mill-istess provi jindikaw li qatt ma kien hemm accetazzjoni ta' xi dejn jew inkella li kienu dovuti b'xi mod ghax l-istess konvenuti kien hadhom.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif eccepita mill-konvenut fil-verbal datat 13 ta' Lulju 2021.**

**Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-attur.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Registratur**